

**Emenda 123**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport****A8-0251/2016****Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi  
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva****Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) *Il-korpi responsabbli mill-aspetti kulturali u storiċi tal-armi u rikonossuti bħala tali mill-Istati Membri li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom u li huma fil-pussess ta' armi tan-nar ikklassifikati fil-kategorija A mixtrija qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, għandhom mnejn ikunu jistgħu jżommu dawk l-armi tan-nar fil-pussess tagħhom jekk ikollhom awtorizzazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u diment li dawk l-armi tan-nar ikunu ġew diżattivati.*

(4) *L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet lill-mużewijiet u l-kollezzjonisti rikonossuti biex jakkwistaw u jżommu fil-pussess tagħhom armi tan-nar u munizzjon meta jkun hemm bżonn għal finijiet storiċi, kulturali, xjentifiċi, tekniċi, edukattivi, estetiċi jew patrimonjali, sakemm juru, qabel jingħataw l-awtorizzazzjoni, li jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw kwalunkwe riskju għas-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku, anke permezz ta' ħżin b'sigurtà.*

Or. en

9.3.2017

A8-0251/124

**Emenda 124**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi

(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5) Il-kolletturi għandhom jiġu koperti b'din id-Direttiva peress li ġew identifikati bħala sors possibbli għat-traffikar tal-armi tan-nar.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 125**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi  
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8) Sabiex *tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-armi diżattivati*, dawn għandhom jiġu *rreġistrati f'reġistri nazzjonali*.

(8) Sabiex *tiżdied it-traċċabbiltà tal-armi tan-nar u tal-komponenti essenzjali u sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom, arma tan-nar assemblata u l-komponenti essenzjali kollha li jinbiegħu separatament* għandhom jiġu *mmarkati b'mod li ma jistax jitneħħa fil-mument meta jiġu mmanifatturati jew mingħajr dewmien wara li jiġu importati fl-Unjoni. Ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà m'għandhomx japplikaw għall-armi tan-nar li jkunu ġew diżattivati bi qbil ma' din id-Direttiva jew armi tan-nar jew partijiet tagħhom li jkunu ġew manifatturati qabel ma daħlet fis-seħħ din id-Direttiva.*

Or. en

**Emenda 126**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi  
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9) Xi armi tan-nar semi-awtomatiċi jistgħu jiġu kkonvertiti faċilment f'armi tan-nar awtomatiċi, u għalhekk huma ta' theddida għas-sigurtà. Anke jekk ma jiġux konvertiti għall-kategorija "A", ċerti armi tan-nar semi-awtomatiċi jistgħu jkunu perikolużi ħafna meta l-kapaċità tagħhom li jiċċarġjaw ruħhom tkun għolja ħafna. Għalhekk, dawn l-armi semi-awtomatiċi għandhom jiġu pprojbiti mill-użu ċivili.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 127**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport****A8-0251/2016****Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi  
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva****Premessa 10***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(10) Biex *l-immarkar ma jkunx jista'* jitħassar faċilment u biex jiġi ċċarat fuq liema komponenti għandu jsir l-immarkar, għandhom jiġu introdotti regoli tal-Unjoni komuni.

(10) Biex *jiġi evitat li l-immarkar* jitħassar faċilment u biex jiġi ċċarat fuq liema komponenti għandu jsir l-immarkar, għandhom jiġu introdotti regoli tal-Unjoni komuni. *Dawn ir-regoli għandhom japplikaw biss għal dawk l-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali li jinbiegħu separatament li jkunu ġew manifatturati wara li tkun daħlet fis-seħħ din id-Direttiva u li jkunu tqiegħdu fis-suq sa mid-data meta l-Istati Membri jkunu se jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ewlenin ta' din id-Direttiva.*

Or. en

**Emenda 128**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport****A8-0251/2016****Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi  
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva****Premessa 14***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(14) Sabiex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha ***tivvaluta l-elementi neċessarji għall-implimentazzjoni ta' sistema li tappoġġa dan*** l-iskambju tal-informazzjoni miżmuma fl-arkivji kompjuterizzati tar-rekords eżistenti fl-Istati Membri. ***Jekk ikun il-każ, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi akkumpanjata bi proposta leġiżlattiva li tqis l-istrumenti eżistenti relatati mal-iskambju ta' informazzjoni.***

(14) Sabiex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha ***tiffaċilita u tħeġġeġ*** l-iskambju tal-informazzjoni miżmuma fl-arkivji kompjuterizzati tar-rekords eżistenti fl-Istati Membri ***meta jkun ġustifikat, u għandha xxerred l-aħjar prattiki. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jkollhom ir-reġistri tagħhom stess dwar l-armi tan-nar; l-Unjoni mhux se toħloq bażi tad-data tal-UE għall-armi tan-nar irreġistrati kollha fl-Istati Membri.***

Or. en

**Emenda 129**

**Kristina Winberg, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Beatrix von Storch, Peter Lundgren, Petr Mach**

f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport**

**A8-0251/2016**

**Vicky Ford**

Il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi  
(COM(2015)0750 - C8-0358/2015 - 2015/0269(COD))

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 91/477/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew ta' munizzjon, skont il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, mill-pulizija u mill-awtoritajiet pubbliċi, ***mill-mużewijiet u l-kollezzjonisti rikonoxxuti***. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra.

Or. en